28 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ganni Vassallo

**Sigarretti — Dazju — "Enabling Law" — Reg. 50 tar-Regolamenti tad-Dwana, 1935 — Art. 61 (b) u 75 tal-Kap. 60.**

*Il-fatt ta' min ikun fil-pussess ta' sigarretti li jġibu l-marka "Duty Free H.M. Ships Only", li fuqhom ma kienx tħallas dazju, ma jammontax għal sempliċi vjolazzjoni tar-Regolamenti tad-Dwana, imma vjolazzjoni tad-dispożizzjoni rilevanti li hemm fil-Liġi tad-Dwana.*

*Il-Gvernatur ma jistax b'regolamenti jikkontempla vjolazzjonijiet ġà kontemplati fil-liġi li tagħtih is-setgħa li jagħmel dawk ir-regolamenti u jassoġġetta dawk il-vjolazzjonijiet għal piena anqas minn dik kontemplata mill-liġi; għax il-vjolazzjonijiet kontemplati fir-regolamenti għandhom jitqiesu li huma dawk li ma humiex ġà "expressis verbis" kontemplati fl-"enabling law".*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ta' l-14 ta' Mejju 1952, l-imsemmi Vassallo ġie misjub ħati talli kellu fil-pussess tiegħu 382 pakkett ta' 20 sigarrett il-wieħed, li jġibu l-marka "Duty Free, H.M. Ships Only", li l-valur tagħhom hu £15. 10. 0, u li fuqhom ma kienx tħallas dazju, u ġie kundannat għall-ħlas ta' multa ta' £82, u ġiet ordnata l-konfiska ta' l-oġġetti eżibiti fil-proċess;

Trattat l-appell ta' l-imputat minn din is-sentenza, din il-Qorti kkunsidrat;

Fuq il-fatti ma hemmx kwistjoni. Il-kwistjoni hi sempliċement dik li l-appellant jippretendi li r-reat tiegħu hu biss vjolazzjoni tar-reg. 50 tar-Regolamenti tad-Dwana, 1935, punibili b'multa ta' mhux iżjed minn £5, u li ma hux vjolazzjoni ta' l-art. 61(b) tal-Kap. 60 ta' l-Edizzjoni Riveduta;

Ir-raġunamenti tal-Maġistrat in ripulsa ta' din id-deduzzjoni defensjonali huma korretti. Ma hux konċepibili li s-setgħa mogħtija lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bl-art. 75 tal-Kap. 60 fuq imsemmi, tiġi nterpretata bħala li tinkludi s-setgħa li b'dawk ir-regolamenti tiġi newtralizzata l-liġi prinċipali ("enabling law"), billi b'regolament tiġi kontemplata vjolazzjoni ġa kontemplata fil-liġi u tiġi magħmula soġġetta

għal piena anqas. *Il-vjolazzjonijiet* kontemplati fir-regolamenti għandhom jitqiesu li huma dawk li ma humiex ġa "expressis verbis" kontemplati fl-"enabling law";

Għalhekk l-appell hu miċħud, u s-sentenza konfermata. Żmien għall-ħlas xahar mil-lum.